MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tal-15 ta' Ottubru, 2010

Citazzjoni Numru. 1245/1991/1

**George Spiteri bħala direttur għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetà *Spiteri Tiles Limited***

***Versus***

**Paul Borg**

1. Din il-kawża hija dwar talba għall-ħlas tal-prezz ta' materjal maħdum u mibjugħ.
2. Is-soċjetà attriċi qiegħda titlob il-ħlas ta' elf, ħames mija u tmienja u sittin lira (Lm1,568) – daqs tlitt elef, sitt mija u tnejn u ħamsin euro u sitta u erbgħin ċenteżmu (€3,652.46) – flimkien mal-imgħaxijiet relativi, bilanċ tal-prezz ta' rħam u granit mibjugħ lill-konvenut. Billi għalxejn sejħet lill-konvenut biex iħallas, l-attriċi fetħet din il-kawża tallum.
3. Il-konvenut ressaq dawn l-eċċezzjonijiet:
i. ma għandux jagħti elf, ħames mija u tmienja u sittin lira (Lm1,568) għax il-bilanċ mitlub mill-attriċi ma huwiex maħdum fuq il-prezz miftiehem bejn il-partijiet, u

għalhekk għandha ssir likwidazzjoni ta' dak li tassew għandha tieħu s-soċjetà attriċi;

ii. għandu jsir tnaqqis ukoll għax il-granit konsenjat mis-soċjetà attriċi u mqiegħed fit-taraġ ta' barra tad-dar tal-konvenut ma huwiex tal-kwalità miftiehma għax fih difetti u fih ukoll varjazzjonijiet fil-kulur għax ma nqatax mill-istess lastri; u

iii. għar-raġunijiet miġjuba fuq, is-soċjetà attriċi għandha f'kull każ tbati l-ispejjeż tal-kawża.

4. B'sentenza mogħtija fit-30 ta' Ġunju 2006 il-qorti qagħdet fuq il-fehma tal-perit tekniku minnha maħtur u sabet illi l-bilanċ mitlub mis-soċjetà attriċi kien tajjeb u kif miftiehem; sabet ukoll, iżda, illi mill-granit li tqiegħed fit-taraġ ta' barra hemm biċċiet li għandhom sfumaturi u vinatura li huma differenti ħafna minn dawk tal-bqija u tqiegħdu f'post prominenti fejn id-differenzi jagħtu aktar fil-għajn. Għalkemm huwa inevitabbli li f'materjal naturali u mhux sintetiku jkun hemm xi differenzi, li kieku x-xogħol sar b'aktar għaqal il-biċċiet li kellhom differenzi goffi meta mqabbla mal-bqija setgħu jew jitwarrbu jew jitqiegħdu fejn jagħtu inqas fil-għajn. Barra minn hekk, it-tqegħid sar ħażin għax qiegħed jinġabar l-ilma.

5. Il-qorti għalhekk ipprovdiet billi tat lis-soċjetà attriċi żmien biex tneħħi, tibdel u tqigħed mill-ġdid il-granit fil-pjan ta' qudddiem il-bieb ta' barra kif indikat fil-ħmistax (15) u sittax-il (16) paragrafu tar-relazzjoni tal-perit, b'dan illi jekk dan ma jkunx jista' jsir kellu jinqala' x-xogħol kollu tat-taraġ ta' barra u jsir mill-ġdid bi granit tal-istess kwalità u kif iridu l-arti u s-sengħa. Ix-xogħol kellu jsir mis-soċjetà attriċi bi flusha taħt id-direzzjoni ta' l-A.I.Ċ. David Pace, li nħatar għalhekk.

6. Wara li l-partijiet flimkien kemm-il darba talbu li jingħata aktar żmien biex jitlesta x-xogħol, fl-20 ta' Marzu 2009 is-soċjetà attriċi għarrfet lill-qorti illi kellha materjal biex tbiddel il-granit kollu difettuż b'mod illi x-xogħol ikun uniformi. Billi iżda lill-konvenut dan il-materjal ma għoġbux, il-qorti talbet il-fehma tal-perit illi stqarr illi l-materjal li kienet qiegħda toffri l-attriċi huwa "l-eqreb li jista' jkun għal dak oriġinali"[1]. Il-qorti għalhekk ordnat lill-attriċi tipproċedi kif riedet is-sentenza tat-30 ta' Ġunju

[1] Verbal tas-seduta tal-20 ta' Marzu 2009, *fol*. 200.

2006 billi tibdel il-materjal difettuż b'dak approvat mill-perit.

7. Minkejja dan, il-konvenut baqa' jżomm lill-attriċi milli twettaq is-sentenza u, wara li l-qorti kienet mgħarrfa b'dan, b'dikriet tat-3 ta' Lulju 2009[2] tenniet l-ordni tagħha tal-20 ta' Marzu 2009. Billi l-konvenut baqa' ma riedx joqgħod għal dak li riedet is-sentenza u l-ordnijiet mogħtija wara, il-qorti b'dikriet tal-5 ta' Novembru 2009[3] awtorizzat lis-soċjetà attriċi tiddepożita l-materjal jekk il-konvenut ikompli jżommha milli tqiegħdu fil-post. Id-depożitu sar b'nota tat-28 ta' April 2010[4].

8. Billi issa l-attriċi għamlet dak kollu li setgħet tagħmel fiċ-ċirkostanzi, ma huwiex xieraq li l-konvenut ikompli jċċaħadha mill-bilanċ tal-prezz. Il-qorti għalhekk taqta' l-kawża billi tikkundanna lill-konvenut iħallas is-somma ta' tlitt elef, sitt mija u tnejn u ħamsin euro u sitta u erbgħin ċenteżmu (€3,652.46) flimkien mal-imgħaxijiet relativi mit-28 ta' April 2010, meta sar id-depożitu tal-materjal.

9. Billi t-talba tal-attriċi għall-ħlas tal-bilanċ tal-prezz kienet intempestiva meta saret, u billi wkoll, iżda, l-imġieba tal-konvenut wara s-sentenza tat-30 ta' Ġunju 2006 wasslet biex il-kawża titwal għalxejn, l-ispejjeż tal-kawża għandhom jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------

[2] *Fol*. 209.

[3] *Fol*. 217.

[4] *Fol*. 220.